# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Numru 2821

Kaz Nru: 3637/18/AM

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Roseanne Zerafa Le-Gros
(K.I. Nru. 219770M)

u

Jing Sun

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip.Tax (MIT)**

**Illum il-Gimgha 6 ta' Mejju, 2022**

It-Tribunal,

Ra r-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu talbet sabiex dan it-Tribunal jiddikjara li l-kuntratt tax-xoghol taghha gie terminat ingustament u minghajr ebda raguni valida fil-ligi u kumpens f'kaz li tinghata ragun u kif ukoll, li tordna lill-intimata taghmel it-tibdiliet mehtiega mall-Jobsplus jew mad-dipartimenti u entitajiet relattivi sabiex it-terminazzjoni tal-impjieg taghha ma jibqax jidher li sehh tort taghha.

Ra d-dikjarazzjoni tal-kaz kif prezentat mir-rikorrenti li permezz taghha hija ddikjarat dan li gej:

Li hija kienet impjegata bhala cleaner gewwa stabilliment tal-ikel gewwa l-Pavi Supermarket fuq bazi part-time u b'terminu ta' mpjieg indefinit; li hija dejjem qdiet dmirha sew tant li l-intimata gieli wkoll qabditha tnaddaf fi stabilliment iehor gestit mill-intimata gewwa Pama Supermarket; li minghajr ebda twissija l-intimata qabdet u tterminat l-impjieg tar-rikorrenti mil-lum ghal ghada billi sempliciment baghtet tinfurmaha tramite mpjegata ohra wara li r-rikorrenti saqsiet ghalfejn ma kienetx irceviet ir-roster tal-gimgha; gara li ftit qabel ma gie terminat l-impjieg taghha l-Pavi Supermarket kienu taw struzzjonijiet sabiex it-tindif tal-istabilimenti u l-hwienet fi hdan l-istess supermarket jibda jsir minn kumpanija terza u ta' livell industrijali u mhux mill-cleaners individwali ngaggati mid-diversi stabilimenti; li kien minn

Jobsplus li hija giet mgharfa li r-raguni tat-terminazzjoni tal-impjieg moghtija lill-Jobsplus kienet ghaliex naqset li taghmel id-doveri taghha skond kif mitluba.

Li permezz ta' verbal ta' dan it-Tribunal tal-ewwel ta' Gunju 2018 gie ordnat li l-proceduri jinstemghu bil-lingwa Ngliza pero' l-verbali u d-decizjoni jsiru bil-lingwa Maltija.

Ra r-risposta tal-intimata u d-dokumenti annessi li permezz taghhom riedet turi li hija kellha ragun tittermina l-impjieg tar-rikorrenti ghax skond hi r-rikorrenti ma kienetx taghmel xogholha kif suppost. Li hija kienet tkellmet mar-rikorrenti wara rapport li rcevew minghand l-HCCP Food Safety Inspection report fuq sanita. Li xahrejn qabel hija tghid li kellmet lir-rikorrenti u wissietha li tas-sanita riedu li jitterminaw ix-xoghol taghha jekk ma jimpurtax u li dan sar fil-presenza ta' Jeanette Farrugia.

**Kunsiderazzjonijiet**

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti kienet impjegata fuq bazi part-time ghal zmien indefinit bhala cleaner mar-rikorrenti.

Li l-impjieg gie terminat fl-20 ta' Jannar 2018

Li mill-employment history sheet tar-rikorrenti esebit fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2021 jirrizulta li r-rikorrenti fit-23 ta' Frar 2018 sabet impjieg full-time ghal zmien indefinit; li bdiet tahdem mall-intimata fit-2 ta' Jannar 2017 sal-20 ta' Jannar 2018 bhala cleaner part-time.

Li r-raguni tat-tmiem tal-impjieg moghtija mill-intimata kienet: naqas li jaghmel id-doveri kif kif mitlub;

Li bhala paga mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru 2017 hija kellha Ewro 4670 gross u mill-1 ta' Jannar sa l-20 ta' Jannar 2018 hija thallset Ewro 474 u dan kif jirrizulta mill-FS3's taghha.

Li fit-13 ta' Frar 2018 ir-rikorrenti ffirmat dikjarazzjoni li hija thallset is-somma ta' Ewro 650 in full and final settlement sa l-20 ta' Jannar 2018.

**Fl-affidavit taghha l-intimata** tghid li r-rikorrenti bdiet fl-impjieg taghha fis-sena 2017 u li kull meta kienu jigu l-Health Inspectors jispezzjonaw l-indafa fil-hanut taghha dejjem kienu jiehdu ritratti sabiex juru li t-tindif ma kienx isir sew tant li wara li dawn marru ghal tlett xhur infila u dejjem sabu li l-hanut ma kienx nadif kif suppost kienu

heddewha li jaghlqulha l-hanut. Hija nfurmat lir-rikorrenti b'dan u ghall-bidu ma qaltilha xejn u wara rrabjat maghha u baqghet ma taghmilx xogholha sew bil-Health Inspectors jibqghu jilmentaw maghha li l-indafa tal-hanut taghha ma hiex kif suppost. Hija ghamlet dak kollu li kienu jghidulha taghmel il-Health Inspectors salv li l-problema tal-indafa baqghet tant li anke c-Chef taghha kellu problemi mar-rikorrenti ghax ma kinitx tnaddaf fejn jghidilha biex tnaddaf.

L-intimata tilmenta li r-rikorrenti kienet tahli hafna hin ma taghmel xejn, tixrob il-café u tpejjep minflok tnaddaf u minkejja diversi twissijiet li tatha r-rikorrenti baqghet tinjorahom. Gara li minhabba l-pressjoni li kellha mill-Health Inspectors fosthom li jaghlqulha l-hanut jekk ma tnaddafx kif suppost, hija ma kellhiex triq ohra ghajr li tittermina l-impjieg taghha.

Wara li xahar li tterminatilha l-impjieg taghha hija sabet Cleaner ohra minflokha u sakemm sabet Cleaner ohra t-tindif kienu jaghmluh c-Chef u l-istaff taghha. U meta sar dan il-Health Inspectors ma lmentawx aktar dwar l-indafa.

Ir-rikorrenti tghid li quddiem l-Awtorita' tax-Xoghol hija pprezentat ir-rapporti li kien ikollha minn tas-sanita u li lir-rikorrenti hallsitha ta' kollox u ma ghandha taghtiha xejn aktar.

In **kontro-ezami (seduta 19 ta' Frar 2021)** l-intimata xehdet li r-rikorrenti kienet l-uniku Cleaner li kellha u li kienet fuq bazi part-time. Meta mistoqsija ghaliex ma mpjegatx Cleaner ohra hija wiegbet li ma kellhiex bzonn taghmel dan u r-rikorrenti kienet bizzejjed. Hija cahdet li lir-rikorrenti kienet tikkmandaha tmur tnaddaf ic-Chinese Counter li ghandha l-Pama Supermarket u li r-rikorrenti l-Pavi biss hadmet. Hija cahdet li l-Pama kienu jridu jimpjegaw il-Cleaners taghhom u dan ghax skond hi c-Chinese Counter huwa taghha u hija tiddeciedi lil min timpjega. Hija regghet ikkonfermat li tterminat l-impjieg tar-rikorrenti ghax ma kienetx tnaddaf sew. Hija tatha diversi twissijiet biex tnaddaf sew izda ma tatx kasha. Bhala ezempju ssemmi li ma kienetx tahsel id-dixxijiet sew u meta tghidilha r-rikorrenti ma twiegeb xejn. Mistoqsija ghaliex zammitha ghal aktar minn sena maghha meta skond hi ma kienetx tnaddaf sew, l-intimata wiegbet li hija kienet wissietha kemm-il darba.

Fis-seduta tat-28 ta' Frar 2020 xehed **Edward Zahra Health Inspector** li pprezenta Dok EZ1 r-rapport li sar mill-Health Inspector Bernard Schembri fil-5 ta' Dicembru 2017. Tali rapport huwa dwar cleaning schedules of equipment, premises, pest control and traceability are to be updated fost ohrajn. Huwa spjega li dak li sar f'Jannar ma sarx min-naha taghhom.

Fl-istess seduta xehdet **Naomi Hili** li mis-sena 2016 sas-sena 2018 xehdet li kienet tahdem mar-rikorrenti u spjegat li filghodu kienu jnaddfu c-Chinese Counter huma u filghaxija kienet tnaddfu r-rikorrenti.

In kontro-ezami (seduta 28 ta' Mejju 2021) Naomi Hili tghid li hija kienet tahdem ic-Chinese Counter fl-istess zmien tar-rikorrenti u li r-rikorrenti dejjem ghamlet dak mitlub minnha mill-intimata. Hmieg warajha r-rikorrenti ma kienetx thalli meta tlesti. Hija kkonfermat li anke l-Pama kienet tmur tnaddaf u anke d-dar ir-rikorrenti kienet tmur tnaddaf u dan tafu ghax semghet lill-intimata tghid dan. Il-Health Inspectors dejjem kienu jsibu xi haga pero' l-ilmenti taghhom ma tiftakarx x'kienu jkunu. Haddiehor ma kienx ikun hemm inaddaf ic-Chinese Counter meta ma jkunx hemm ir-rikorrenti.

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2020 xehed **Silvio Carabott Chief Operations Officer tal-Pavi Supermarkets Limited.** Huwa kkonferma r-rapporti mahruga minn Pavi Supermarkets Dok JS3 u JS4 u li saru fit-13 ta' Novembru 2017 u fl-4 ta' Dicembru 2017 u li jinsabu esebiti u spjega li dawn johorgu minn Pavi fuq dak li jkun mitlub mill-Ispetturi tas-Sanita' sabiex kull stabiliment ikun konformi qabel ma ssir l-inspection mill-Ispetturi tas-sanita'. Dan jaghmluh kull xahar.

In kontro-ezami (seduta 3 ta' Dicembru 2021) Silvio Carabott xehed li kull parti fil-Pavi huwa mitlub jiehu hsieb it-tindif u l-gestjoni tieghu. Huwa kien ikun prezenti meta kienu jigu l-Ispetturi tas-sanita' u kien ikellem lill-intimata dwar xi kwistjonijiet ta' tindif biss. Warnings kien hemm pero' multi ma jiftakarx. Huwa jammetti li gieli hadu n-nies huma ghax ma kienux qed inaddfu tajjeb u ggarjawhom bhal jekk id-drainage bi traskuragni jitfghu z-zejt u jifthuh bin-nies taghhom u jiggarjawhom. Pero' rigward dan il-kaz partikolari ma jiftakar xejn. Huwa cahad li l-kumpanija kienet iddecidiet li t-tindif jibda jsir minnha.

Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2020 xehdet ukoll **Jeannette Farrugia** li kienet tahdem l-Pavi u li l-intimata kienet qaltilha tavza lir-rikorrenti li ghandha xahrejn cans biex tnaddaf sew ghax inkella jkollha tkecciha. Hija nfurmat lir-rikorrenti b'dan u skond hi r-rikorrenti ma qaltilha xejn. Farrugia tghid li ilha li telqet minn hemm xi tlett snin u damet impjegata mall-Pavi xi tlett snin. Meta r-rikorrenti spiccat mix-xoghol hija kienet ghadha tahdem hemm. Meta telqet ir-rikorrenti kienu jnaddfuh huma u l-intimata dahlet lil xi hadd iehor.

In kontro-ezami (seduta 28 ta' Mejju 2021) Jeannette Farrugia tikkonferma li kienet tahdem mac-Chinese Counter tal-Pavi fl-istess zmien tar-rikorrenti u li maghha ma kellhiex problemi. Hija tikkonferma li r-rikorrenti kienet tmur ghax-xoghol fil-hin, u gieli damet aktar minn li suppost biex tlesti x-xoghol. U li dejjem ghamlet dak mitlub lilha mill-intimata. Hija tghid li r-rikorrenti gieli tqabdet tmur id-dar tahslilhom. Lill-intimata huma jsibuha bhala Sofie u din Sofie kienet tibghatha d-dar taghha tnadfilha. Hija kienet tghin lir-rikorrenti u r-rikorrenti kienet tghinha fil-counter. Hija tikkonferma li l-intimata kienet baghtet lir-rikorrenti tahdem fic-Chinese Counter tal-Pama u kemm-il darba gara dan hija ma tafx. U hadd ma kien imur inaddaf minfloka l-Pavi u gieli kien ikollha tnaddaf hi tghid ix-xhud.

Fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2021 **l-intimata** pprezentat timesheet ta' servizz ta' tindif fornit lilha mis-socjeta' Ozo Malta fi Frar 2018 u li minnha jirrizulta li kien isir tindif ta' erba' sieghat average kuljum.

**Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2021 xehdet ir-rikorrenti** li meta marret ghall-interview, l-intimata qaltilha li x-xoghol kien ta' Salesperson u tatha l-formula biex timliha. Ghall-bidu kienet tqabbadha timmarina t-tigieg, u taqta' l-gilda gieli rrangat l-ixkaffar fl-istore u tippakkja l-ixkaffa. Kienet taghmel ukoll il-pizza u jaghlquha bil-plastik. U dan minbarra x-xoghol ta' tindif. Gieli kienet tghinhom fil-counter ukoll. Meta bdiet il-cleaning kienet issib sink mimli dixxijiet, ikel, l-ilma kollu sa fuq imfawwar u kien jigi tas-Sanita' u jghidulha x'ghandha taghmel. Hija kienet tidhol mit-tlieta sat-tmienja. Siegha tippustja l-ixkaffa u mbaghad taghmel xoghol iehor minhabba li jnaddfu t-tigieg ghall-forn, ibattlu l-forn miz-zejt inadfuha u dan jiehu xi siegha xoghol jew tlett kwarti biex ma tesagerax. Kif jispicca l-counter idahlulek id-dixxijiet u dan ifisser li fit-tmienja nieqes hamsa trid tahsel id-dixijiet li jkun hemm fid-display kollha u xi drabi tibghatha l-Pama. Hija tghid li l-intimata qatt ma lmentat maghha li mhix tnaddaf sew. Hija dejjem erba' sieghat kienet tahdem u kienet iddahhalha siegha qabel biss bhal fiz-zmien il-Milied biex jippakkjaw u jaghmlu l-prawn crackers biex jippakjawhom u l-intimata kienet tghidilha good, good u li kieku ma kienetx ferhana biha ma kienetx tibghatha l-Pama ghax kienet tghidilha 'the other cleaner does not clean like you'. Il-Pama kienet tmur kull nhar ta' Hadd u dan ghamlitu ghal kwazi sitt xhur. Darba minnhom anke l-flat fejn kellha c–chefs baghtitha tnaddaf.

Dwar ir-ritratti esebiti mill-intimata, hija tispjega li broken tiles hija ma ghandhiex x'taqsam maghhom, l-kaxxi gieli lanqas ikunu hemm, il-hood kienet taghmilha darba fil-gimgha u darba fix-xahar jaqilghuhom meta kienet tghidilha l-intimata, containers hi ma ghandhiex x'taqsam maghhom, lanqas rubber seals, il-cooker tnadfu u jerga' jigi

l-istess wara zewg minuti ghax jidhlu filghodu jaghmlu s-sacuces u jaqilbu fuqu. Hija xehdet li tas-Sanita' darba minnhom qallha li hawn hemm bzonn eight hours cleaner.

Ir-rikorrenti spjegat li l-kwistjoni bdiet meta l-intimata qabdet u ma taghtitiliex ir-roster u meta saqsietha qaltilha mela Jeanette ma qaltlex u spjegatilha li l-kumpanija cioe' l-Pavi  trid li ddahhal Cleaner minn taghhom u jkollha thallasha aktar.

In **kontro-ezami** hija spjegat li fil-bidu hija kellha tkun Salesgirl. Xi tlett xhur wara hija rceviet minghand il-Jobsplus li hija mmnizla bhala Cleaner u bdiet taghmel xoghol ta' Cleaner. Hija tixhed li Jeanette kienet ilmentat maghha dwar it-tindif pero' tammetti li Jeanette qaltilha li r-rikorrenti tatha xahrejn cans izda skond hi mhux dwar it-tindif. Hija tghid li l-intimata kienet tfahharha ma' Jeanette u anke ma' Naomi kienet tfahharha. Hija tghid li l-kawza ghamlitha ghax mhux minnu li ma kienetx taghmel xogholha sew. Hija tghid li damet qisu xahrejn biex regghet issib xoghol.

Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2021 r-rikorrenti esebiet ir-ritratti li tghid li hadet hi sabiex turi l-hmieg li kienet issib meta tidhol ghax-xoghol specjalment fis-sink li kien ikollha terga' taghmlu.

Sema' lill-partijiet jitrattaw il-kaz.

Fuq ordni tat-Tribunal l-intimata pprezentat permezz ta' nota fit-8 t'April 2022, li turi li s-somma ta' Ewro 650 imhallsa lir-rikorrenti hija dwar bonus u leave tar-rikorrenti.

**<u>Ikkunsidra</u>**

B'mod generali jidher li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-

(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;

(2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza mmedjata, u daqstant iehor effikaci, biex

jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;

(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

(4) Ta' mportanza, mbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi komminata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni ma' l-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita' tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva. (**Qorti tal-Appell sede inf. Per Imh Sciberras sentenza l-ewwel ta' Marzu 2006 Appell Civili numru 1/2005 fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) Limited.**

**(5) Illi fil-kawza fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited dciza fit-28 t'April 2017 mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh Ellul** il-Qorti tenniet illi: '*Ovvjament kull kaz`irid jigi deciz`skont ic`-cirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:*

*1.Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta ħażina;*
*ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija.*

*Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.'*

Illi mehuda dawn il-konsiderazzjonijiet legali mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm lok ghat-tkeccija tar-rikorrenti. Ix-xhieda mressqa kollha kkorraboraw dak li kienet qed tikkontendi r-rikorrenti cioe' li hija kienet taghmel xogholha sew, li jekk kien hemm il-hmieg dan ma kienx tort taghha izda tort ta' min kien jidhol jahdem wara li tnaddaf hi, li hija kienet tahdem biss erba' sieghat kuljum, li l-intimata kienet tibghatha tnaddaf il-Pama fic-Chinese Counter li kellha hemmhekk u anke fid-dar personali taghha. Minn imkien ma jirrizulta li l-intimata hadet xi passi kontra dawk li kienu jhallu l-hmieg wara li juzaw il-kcina u kull fejn kienet tnaddaf ir-rikorrenti.

Kwantu ghall-kumpens, mill-employment history sheet jirrizulta li hija bdiet tahdem fit-2 ta' Jannar 2017 u damet sal-20 ta' Jannar 2018. Fit-23 ta' Frar 2018 jirrizulta li r-rikorrenti bdiet tahdem full-time ma' Catania Cini Limited ukoll bhala Cleaner.

Hija thallset tal-bonus u leave dovuti lilha sal-20 ta' Jannar 2018 u paga jirrizulta li kellha Ewro 4670 gross mill-FS3 taghha tas-sena 2017.

Li ghalhekk dan it-Tribunal iqis bhala kumpens gust u ekwu l-ammont ta' sitt mitt ewro (Ewro 600) bhala kumpens li l-intimata ghandha thallas lir-rikorrenti minnufih.

It-Tribunal jordna wkoll sabiex il-Jobsplus jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-employment history sheet tar-rikorrenti li jirriflettu din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**